# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Settembru tas-sena 2001.**

**Numru   26**

**Avviz  numru     1149/97/SM**

**Elmo Insurance Services Limited in rapprezentanza tas-socjeta' estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Mamo u l-istess Jospeh Mamo.**

**vs**

**Joseph Sultana**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat 6 ta' Gunju ta' l-1997 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' mija sebgha u hamsin lira hamsa u sittin centezmu (LM157.65,0) in kwantu ghal mija tnejn u tletin lira hamsa u sittin centezmu (LM132.65,0) lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Services Limited u in kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira (LM25) lill-attur Joseph Mamo, in linea ta' danni, minnhu kagunati u minnhom subiti, in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Rahal Gdid fl-14 ta' Novembru 1996 meta waqt li hu kien qed iregga lura l-vettura Nru. O-8064 habat mal-vettura Nru. O-6477, proprjeta' tal-attur Joseph Mamo u misjuqa minnu, previa d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident hu kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;**

2. **Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Marzu, 1997, u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali ta' l-11 ta' Marzu, 1997 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-25 ta' Gunju ta' l-1997 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi l-incident tat-traffiku mertu ta' din il-kawza ma garax tort tieghu izda gara unikament tort u htija ta' Joseph Mamo, s-sewwieq tal-vettura numru O-6477 li waqt li kien hiereg minn go triq laterali habat mal-vettura numru O-8064, misjuqa mill-eccipjenti li dak il-hin kien ghaddej go Corradino Hill, sejjer fid-direzzjoni generali ta' Pawla;**

2. **Illi stante li dan l-incident ma garax tort u htija tal-eccipjenti, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni rizultanti minn dan l-incident;**

**3. Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;**

**Semghet ix-xhieda l-ohra prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tal-kaz;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-mertu tal-procedura odjerna jista' jigi sintetikament kompilat bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fl-14 ta' Novembru ta' l-1996 ghall-habta tas-2.30 ta' filghaxija fejn fih kienu nvoluti vettura tal-marka Mercedes bin-numru ta' registrazzjoni O-8064 misjuqa minn Joseph Sultana l-konvenut u vettura tal-marka Toyota bin-numru ta' registrazzjoni O-6477 misjuqa minn Joseph Mamo ko-attur;**

2. **Illi l-incident de quo sehh f'Corradino Hill fejn il-konvenut kien tiela fi triqtu u hariglu l-ko-attur mill-"gate" ta' l-iskola Paolino Vassallo;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghandu jinghad li t-tela' in dizamina hi triq principali li fiha konducent ghandu l-precedenza fuq ohrajn li jkunu jridu jidhlu fiha mill-iskejjel li hemm fl-istess triq;**

**Illi ghalhekk il-ko-attur konducent involut kellu l-obbligu li bil-manuvra tieghu biex mill-iskola johrog f'Corradino Hill ma jkunx ta' perikolu ghalieh u ghall-haddiehor u ghalhekk jaghti precidenza lill-konducenti fl-istess triq biex jidhol biss meta ma jkunx ta' ostakolu ghat-traffiku tiela';**

**Ghaldaqstant tiddikjara lil ko-attur Joseph Mamo responsabbli ghall-incident in dizamina u tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**